MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 500/2011

**Il-Pulizija
[Spettur Nikolai Sant]**

**vs**

**Jason Roy Mallia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Roy Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 245809(L).

Akkuzat talli:
a) Talli nhar id-9 ta' April 2011 bejn it-15.00 hrs u 18.30 hrs gewwa Block N. 8, Flat No. 5, Triq id-Dragunara, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Nazar Alkhadi u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

b) Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe` hsara fuq il-bieb ta' Block No. 8, Flat. No 5, Triq id-Dragunara, San Giljan ghad-detriment ta' Nazar Alkhadi u/jew xi nies ohra, liema hsara ma tiskorrix il-valur ta' elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu;

c) Aktar, talli fl-istess jum, hin, cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn Block No. 8, Flat No. 6, Triq Dragunara, San Giljan, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok; u

d) Aktar, talli fl-istess jum, hin, cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn Block No. 8, Triq Dragunara, Flat No. 4, San Giljan, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwt kien ikun serq aggravat bil-mezz u bil-lok.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta. Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 278(3), 325(1)B u 41 tal-Kodici Kriminali.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li

nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu u stante li l-akkuza (b) hija alternattiva ghall-akkuza (a), qeghda issib lill-imputat Jason Roy Mallia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda tpoggih taht *probation order* ghal zmien tlett (3) snin b’dan li ghandu jitqabbad persuna li ghandha tissorvelja lill-istess u li tassigura li l-imputat isegwi programm appozitu kontra d-dipendenza fuq id-droga.
Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------